Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 33 – KONTINWAZZJONI TAS-SEDUTA NRU.32**

**IL-HAMIS 27 TA' FRAR 2014 FIL-5.00PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |

Il-Kunsillieri A.Cumri u C. Said ma setgħux jkun prezenti minħabba ragunijiet ta' mard u l-Kunsillier R. Rossignaud minħabba li kien imsiefer.

**IS-SINDKU QAL IT-TALBA**

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier informa li qed jerġa jkollu diversi lmenti dwar it-tarmak ta’ Triq il-Qasam. Dawn ir-residenti qed jilmentaw li t-tarmak mhux illivellat u għaldaqstant qed jikkaġuna xi għadajjar ta’ l-ilma. Huwa ssuġerixxa li mill-aktar fis tinġibed l-attenzjoni tal-Perit tal-Kunsill dwar din il-materja.

2. Huwa nforma li diversi residenti nfurmawh li l-bus stop tan-naħa ta’ Sunrise Inn fi Triq Sant Andrija tneħħa. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li Transport Malta nfurmawna li dan tneħħa peress li fil-preżent għaddejin diskuzzjonijiet sabiex fil-post imsemmi jiġu nstallati Pedestrian Lights.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fi Triq it-Tiben qed jidhru ħafna ġriden u diversi residenti qed jibżgħu li dawn jidħlu fid-djar privati tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lid-Dipartiment ikkonċernat sabiex dawn jroxxu l-velenu fl-għalqa fi Triq it-Tiben. Is- Sindku nforma li f’ din it-triq bdew ix-xogħlijiet ta’ kostruzzjoni ta’ bankina mal-ġenb ta’ l-art li mhix żvillupata. Minħabba sigurta’ fuq din il-bankina se jinbena wkoll ċint ta’ 3 filatti li minn bejn il-ġebel se jkun jista’ jgħaddi l-ilma. Dawn ix-xogħlijiet ilhom ordnati minn Novembru.

4. Rigward l-iżvillup ta’ Tennis Court, il-Kunsillier staqsa jekk it-turf li hemm imsemmi fl-ispeċifikazzjonijiet huwiex multi purpose. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill dwar din il-materja. Il-Kunsillier issuġerixxa li f’kaz li dan mhux multi purpose allura il-Kunsill għandu jikkonsidra li ssir applikazzjoni oħra mal-MEPA sabiex b’hekk jkun jista’ jinxtara dan it-turf mill-fond ta’ l-UIF.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier rrefera għall-art abbandunata fi Triq il-Keffa kantuniera ma' Triq il-Qantar. Huwa staqsa jekk dwar din il-laqgħa qatt sar xi tentattiv biex titnaddaf peress li tinsab fi stat ta' abbandun. Is- Segretarju Eżekuttv nforma li din hija art privata u li jaf li dwar it-tindif kienu għaddejin xi proċeduri legali. Is-sidien qegħdin jinsistu li l-ħmieġ li hemm f' din l-art, ġie mitfugħ mill-Kuntrattur li kien responsabbli meta saret Triq il-Keffa.

2. Huwa rrakomanda sinjali bojod fi Triq il-Qasam bejn is-siment li sar għall-parkeġġ u t-tarmak. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jikkomunika mal-Kuntrattur.

3. Dwar l-iżvillup ta' kostruzzjoni fi Triq il-Wiżna, il-Kunsillier irrimarka li l-grada mhiex adekwata biżżejjed għas-sigurta'. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jikkomunika mal-Kuntrattur.

4. Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex mill-aktar fis issir applikazzjoni mat-Transport Malta rigward il-possibilta' ta' ipparkjar ta' vetturi tar-residenti fuq il-bankina wiesgħa fil-parti ta' fuq tat-Triq il-Bir. Is- Segretraju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jikteb lit-TM.

5. Huwa ssuġerixxa sabiex issir appuntament mal-Kummissarju tal-Pulzija dwar il-kwistjoni ta' *clamping* u *towing* ta' vetturi pparkajti ħażin fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiffissa dan l-appuntamet u hekk kif jkollu risposta jinfurma lil kulħadd permezz ta' email.

6. Rigward l-installazjoni ta' doggy bins, huwa ssuġerixxa sabiex dawn jerġgħu jiġu ordnati oħrajn ġodda sabiex jitwaħħlu f' postijiet li huma diġa' indikati.

7. Huwa nforma li diversi residenti nfurmawh li fi Triq il-Qantar quddiem ħanut partikolari hemm bżonn li jsir xi patching. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-ħaddiema dwar din il-materja sabiex hekk kif jippermetti t-temp, dawn jagħmlu dan ix-xogħol rikjest.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier P. Fenech

1. Il-Kunsillier issuġerixxa sabiex issir bozza ġdida fejn kien jarma l-bejjiegħ tal-ħaxix fid-daħla ta' Triq il-Pedidalwett peress li diversi residenti qed jilmentaw li qed jkun ħafna dlam. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jinforma lill-kuntrattur.

2. Huwa ssuġerixxa wkoll sabiex it-traffic calmer li hemm fi Triq is-Swieqi titressaq 50 metru l'isfel. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsir appuntament mal-Kuntrattur responsabbli fuq is-sit sabiex tiġi diskussa din il-proposta.

3. Rigward il-lista li bgħat il-Kunsillier A. Curmi (annessa ma' dawn il-Minuti App. A.) punt numru 5, il-Kunsillier nforma li fil-preżent hemm kważi kollox ipreparat pero' din il-materja l-aħjar li tiġi diskussa fis-Seduta tal-Kunsill li jmiss fil-preżena tal-Kunsillier A. Curmi.

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk sarx kuntatt mal-Perit resposanbli mix-xogħlijiet ta' restawr fil-Kappella tal-Madliena ħabba l-fondi tad-Dipartiment. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li diġa' sar kuntatt miegħu.

2. Rigward Triq l-Inginier, hija talbet sabiex appuntament ma' l-uffiċċjali tal-WSC sabiex mill-aktar fis insiru nafu jekk kienx hemm xi żvillupi ġodda. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li huwa diġa' talab sabiex issir din il-laqgħa pero' ġie nfurmat li l-Inġiniert inkarigat bħalissa jinsab msiefer.

3. Hija staqsiet jekk saritx xi indikazzjoni ta' meta l-Kuntrattur responsabli mix-xogħlijiet ta' tarmak tat-toroq tal-Madliena ser ikompli x-xogħlijiet li fadal. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li b' konsultazzjoni mal-Perit Wallace Farrugia u l-avukat tal-Kunsill, inkitbet ittra lill-kuntrattur u dan ingħata ċans sa 17 ta' Marzu 2014 sabiex jinfurmana meta se jkompli dawn ix-xogħlijiet. Jekk sa din id-data ma tasalx risposta allura l-kaz ser jiġi rrefrut lill-Avukat tal-Kunsill.

4. Hija nfurmat li diversi residenti nfurmawha li lis-sqaq li jagħti għall-Wied tal-Madliena għandu bżonn jitnaddaf għall-aċċess aħjar. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li qed jistenna kwotazzjonijiet għal dawn ix-xogħlijiet.

*Is- Sindku ppreżenta mozzjoni nru 1/2014 rigward l-iskema ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli li għandhom ir-responsabilta' ta' librerija lokali (Memo 4/2014) u mozzjoni nru 2/2014 għall-iskema ta' għajnuna finanzjarja għal streaming tal-laqgħat tal-Kunsill online (Memo 5/2014) . Is- Sindku ppropna li l-Kunsill japplika għaż-żewġ skemi msemmija fil-waqt li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier P. Fenech issekondaw din il-proposta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.*

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Huwa nforma li fil-jiem li ġejjin jeħtieġ li tiġi organizzata il-laqgħa annwali ġenerali għar-residenti tas-Swieqi u l-Madliena. Wara diskuzzjoni ġie deċiż li din il-laqgħa ssir fis-27 ta' Marzu 2014 fis-7.00pm fis-sala parrokjali. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti dwar dan.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma dwar korrispondenza ta' Sur Cachia Fern. Dan ir-residenti qed jistaqsi sabiex titneħħa un/loading bay ta' quddiem l-ispiżerija fi Triq il-Qasam, huwa talab wkoll sabiex jitnaqqas il-ħin ta' Timed Parking f' din iż-żona. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel li għalissa għandu jibqa' kollox kif inhu.

Din il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm u sar aġġornament
għal nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu 2014 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **SINDKU** |